**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 516/02AE**

**Montaldo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Silvio Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm626.50), hlas ta' danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Mejju 2000 gewwa Triq is-Salib kantuniera ma' Triq ir-Rattan, Mellieha, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura CBG 304 u dahal fil-vettura ta' Alfred Cauchi numru ta' registrazzjoni EAO 234.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma deherx ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rrinunzjat ghall-ammont mitlub stante hlas fil-mori tal-proceduri u rrizervat il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li l-meritu tal-kawza ezawrit qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez gudizzjarji kollha (inkluzi d-drittijiet legali).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**